# L-UŻU EFFIĊJENTI TAR-RIŻORSI U L-EKONOMIJA ĊIRKOLARI

Il-mod kif intużaw ir-riżorsi fl-imgħoddi — u kif jintużaw illum — wassal għal livelli għoljin ta' tniġġis, degradazzjoni ambjentali u tnaqqis fir-riżorsi naturali. Il-politika tal-iskart tal-UE għandha storja twila u tradizzjonalment tiffoka fuq immaniġġjar tal-iskart aktar sostenibbli mil-lat ambjentali. Il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi u l-pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari għandhom ibiddlu din ix-xejra u, sal-2050, jittrasformaw l-ekonomija tal-UE f'waħda sostenibbli. L-erba' direttivi l-ġodda dwar l-iskart fil-pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari adottat dan l-aħħar jintroduċu miri ġodda għall-immaniġġjar tal-iskart fir-rigward tal-prevenzjoni, ir-riutilizzazzjoni, ir-riċiklaġġ u r-rimi f'landfills.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 191-193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## IL-KISBIET

Il-prodotti kollha għandhom bażi naturali. L-ekonomija tal-UE tiddependi ħafna fuq ir-riżorsi naturali. Jekk ix-xejriet attwali jibqgħu l-istess, id-degradazzjoni u l-eżawriment tar-riżorsi naturali se jkomplu, bħalma se tkompli l-ġenerazzjoni tal-iskart. L-użu attwali tar-riżorsi tagħna tant hu mdaqqas li qed jipperikola l-possibbiltajiet tal-ġenerazzjonijiet tal-futur — u tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw — li anke huma jkollhom aċċess għal sehem ġust ta' riżorsi skarsi. Fil-preżent, fl-UE jintużaw madwar 16-il tunnellata ta' materjal per capita fis-sena, li 10 tunnellati minnhom imorru fl-istokk materjali (infrastruttura, djar, prodotti durabbli) u 6 tunnellati joħorġu mill-ekonomija bħala skart. Għalkemm is-sitwazzjoni tvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor, madwar terz tal-iskart muniċipali jintrema f'landfills u inqas minn nofs jiġi riċiklat jew jinbidel f'kompost. L-użu razzjonali tar-riżorsi naturali kien fost l-aktar preokkupazzjonijiet ambjentali bikrin li fuqhom issejsu l-ewwel Trattati Ewropej. Il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi (COM(2011) 0571) huwa fost l-inizjattivi ewlenin tas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP). Wieħed mill-objettivi ewlenin tiegħu hu li jiżblokka l-potenzjal ekonomiku tal-UE sabiex tkun aktar produttiva filwaqt li tuża inqas riżorsi u timxi lejn ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, il-pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari adottat dan l-aħħar jinkludi miżuri li se jgħinu biex tiġi stimulata t-tranżizzjoni tal-UE lejn ekonomija ċirkolari permezz ta' riċiklaġġ u riutilizzazzjoni akbar, minbarra li tingħata spinta lill-kompetittività globali, jitrawwem tkabbir ekonomiku sostenibbli u jinħolqu impjiegi ġodda.

## A. L-użu effiċjenti tar-riżorsi

Il-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi huwa parti mill-inizjattiva emblematika tal-użu effiċjenti tar-riżorsi tal-istrateġija Ewropa 2020. Il-Pjan jappoġġja l-bidla lejn tkabbir sostenibbli permezz ta' ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. Il-pjan direzzjonali jqis il-progress li sar fl-Istrateġija Tematika għall-Użu Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali tal-2005 (COM(2005)0670) u l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-UE, u jistabbilixxi qafas għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-azzjoni fil-futur. Huwa jindika wkoll il-bidliet strutturali u teknoloġiċi li hemm bżonn isiru sal-2050, inklużi l-miri ewlenin li jridu jintlaħqu sal-2020. Il-Pjan jipproponi modi kif tiżdied il-produttività tar-riżorsi u kif it-tkabbir ekonomiku jista' jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi u l-impatt ambjentali tiegħu.

## B. Il-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart

Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (2008/98/KE) kompliet tibni fuq l-Istrateġija Tematika għall-Prevenzjoni u r-Riċiklaġġ tal-Iskart (COM(2005)0666) u ħassret id-Direttiva Qafas preċedenti dwar l-Iskart (75/442/KEE, kodifikata bħala 2006/12/KE), id-Direttiva dwar l-Iskart Perikoluż (91/689/KEE) u d-Direttiva dwar iż-Żejt Użat (75/439/KEE). L-għan tagħha kien li tirriforma u tissimplifika l-politika tal-UE billi tintroduċi qafas ġdid u tistabbilixxi miri ġodda, b'enfasi fuq il-prevenzjoni. Hija stabbiliet id-definizzjonijiet u l-kunċetti bażiċi fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart, inklużi d-definizzjoni ta' skart, riċiklaġġ u rkupru.

Ir-Regolament preċedenti dwar Vjeġġi ta' Skart ((KE) Nru 1013/2006) stabbilixxa regoli għal vjeġġi ta' skart kemm ġewwa l-UE kif ukoll bejn il-pajjiżi tal-UE u pajjiżi terzi, bl-għan speċifiku li jitjieb il-ħarsien tal-ambjent. Ir-regolament kien ikopri l-vjeġġi ta' kważi kull tip ta' skart (bl-eċċezzjoni tal-materjal radjuattiv) bit-triq, bil-ferrovija, bil-baħar u bl-ajru. B'mod partikolari, beda jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' skart perikoluż lejn pajjiżi barra mill-OECD u l-esportazzjoni ta' skart għar-rimi barra mill-UE/Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles. Madankollu, il-vjeġġi ta' skart illegali baqgħu problema serja; ir-Regolament il-ġdid ((UE) Nru 660/2014), li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006, għaldaqstant għandu l-għan li jiżgura implimentazzjoni aktar uniformi tar-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart. Ir-Regolament saħħaħ id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti fir-rigward tal-ispezzjonijiet, b'rekwiżiti aktar stretti għall-ispezzjonijiet u l-ippjanar fil-livell nazzjonali.

## C. Liġijiet speċifiċi dwar il-produzzjoni u l-fluss tal-iskart

L-għan tad-Direttiva 2000/53/KE kien li jitnaqqas l-iskart mill-vetturi li m'għadhomx jintużaw (ELVs) u l-komponenti tagħhom, pereżempju billi r-rata ta' riutilizzazzjoni u rkupru tiżdied għal 95% sal-2015, filwaqt li r-rata ta' riutilizzazzjoni u riċiklaġġ tiżdied għal 85% jew aktar. Barra minn hekk, id-Direttiva tinkoraġġixxi lill-manifatturi u lill-importaturi jillimitaw l-użu ta' sustanzi perikolużi u jiżviluppaw l-integrazzjoni ta' materjali riċiklati. Ir-rapport ta' implimentazzjoni (COM(2009)0635) wera li l-infurzar tad-Direttiva ELV kien problematiku f'ħafna Stati Membri minħabba differenzi bejn l-għadd ta' karozzi dereġistrati u l-għadd ta' ELVs reġistrati, u minħabba esportazzjonijiet illegali lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti fl-UE ((UE) Nru 1257/2013) daħal fis-seħħ fit-30 ta' Diċembru 2013. L-objettiv ewlieni tiegħu kien li jimpedixxi, inaqqas u jelimina l-inċidenti, il-korrimenti u effetti negattivi oħrajn fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent li jirriżultaw mir-riċiklaġġ u t-trattament tal-bastimenti fl-UE, b'mod partikolari bil-għan li jiġi żgurat li l-iskart perikoluż minn tali riċiklaġġ tal-bastimenti jkun soġġett għal immaniġġjar sod mil-lat ambjentali. Ir-regolament stabbilixxa għadd ta' obbligi għall-bastimenti mill-UE, għas-sidien ta' bastimenti mill-UE, għall-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li kienu lesti jirriċiklaw bastimenti mill-UE, u għall-awtoritajiet jew l-amministrazzjonijiet kompetenti rilevanti.

Id-Direttiva 2002/96/KE, kif emendata mid-Direttiva 2008/34/KE, kellha l-għan li tipproteġi l-ħamrija, l-ilma u l-arja permezz ta' titjib u tnaqqis fir-rimi ta' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE). Id-Direttiva 2002/95/KE dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku (RoHS), adottata b'mod parallel mad-Direttiva WEEE, kellha l-għan li tipproteġi l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem bir-restrizzjoni tal-użu taċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju, il-kromu u r-ritardanti brominati tal-fjammi f'tagħmir bħal dan. L-implimentazzjoni tad-Direttivi WEEE u RoHS fl-Istati Membri kienet diffiċli, u terz biss tal-iskart elettriku u elettroniku kollu nġabar u ġie ttrattat kif suppost. Għaldaqstant, fl-2012, wara proċess leġiżlattiv twil, ġiet adottata r-riformulazzjoni tad-Direttiva WEEE (2012/19/UE) u d-Direttiva RoHS (2012/18/UE). Iż-żewġ direttivi introduċew l-obbligu li l-Istati Membri jżidu l-ġbir ta' skart elettroniku u jippermettu lill-konsumaturi jirritornaw l-apparat lil kwalunkwe ħanut li jbigħ prodotti elettriċi żgħar bla ma jkollhom jixtru prodotti ġodda.

Id-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi kellha l-għan li ttejjeb l-immaniġġjar tal-iskart u l-prestazzjoni ambjentali ta' oġġetti bħal dawn permezz ta' regoli għall-ġbir, ir-riċiklaġġ, it-trattament u r-rimi tagħhom. Id-Direttiva stabbiliet ukoll valuri ta' limitu għal ċerti sustanzi perikolużi (b'mod partikolari l-merkurju u l-kadmju) fil-batteriji u l-akkumulaturi. Id-Direttiva Emendatorja 2013/56/KE neħħiet l-eżenzjoni fuq ċelluli buttuna b'kontenut tal-merkurju ta' mhux aktar minn 2% fil-piż.

B'konformità mad-Direttiva 96/29/Euratom dwar l-iskart u s-sustanzi radjuattivi, kull Stat Membru jrid idaħħal l-obbligu li attivitajiet li jinvolvu riskju minħabba radjazzjoni jonizzanti jiġu rappurtati. Il-vjeġġi ta' skart radjuattiv huma koperti mir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1493/93 u d-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom.

Id-Direttiva 94/62/KE kienet tkopri l-imballaġġ kollu mqiegħed fis-suq tal-UE u l-iskart kollu mill-imballaġġ użat jew rilaxxat fl-industrija, fil-kummerċ, fl-uffiċċji, fil-ħwienet, fis-servizzi, fid-djar jew fi kwalunkwe livell ieħor. Id-Direttiva Emendatorja 2004/12/KE stabbiliet il-kriterji u ċċarat id-definizzjoni ta' "imballaġġ". Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2015/720 tad-29 ta' April 2015 emendat id-Direttiva 94/62/KE rigward it-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief, li faċilment jaħarbu mill-flussi tal-immaniġġjar tal-iskart u jakkumulaw fl-ambjent tagħna, speċjalment fl-għamla ta' skart fil-baħar. Id-Direttiva timmira li tnaqqas drastikament il-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief, billi tiffoka fuq il-basktijiet tal-plastik kollha li huma irqaq minn 50 mikron. Il-basktijiet ħfief ħafna (inqas minn 15-il mikron) użati biex jitgeżwer ikel sfuż (eż. frott, ħaxix u ħut) jistgħu jiġu eżentati jekk dan jgħin biex tiġi evitata l-ħela tal-ikel.

Id-Direttiva dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industrji estrattivi (id-Direttiva dwar l-Iskart tal-Minjieri, 2006/21/KE) kellha l-għan li tindirizza r-riskji ambjentali u tas-saħħa sinifikanti assoċjati mal-volum u l-potenzjal niġġies tal-iskart iġġenerat mill-minjieri llum u tul iż-żmien.

**D.** It-trattament u r-rimi tal-iskart

L-implimentazzjoni progressiva tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi (91/271/KEE) fl-Istati Membri kollha żiedet il-kwantitajiet ta' ħama tad-dranaġġ li jrid jintrema.

Id-Direttiva 96/59/KE dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT) kellha l-għan li tapprossimizza l-liġijiet tal-Istati Membri dwar ir-rimi kkontrollat ta' PCBs u PCTs, id-dekontaminazzjoni jew ir-rimi ta' tagħmir li fih PCBs u/jew ir-rimi ta' PCBs bil-ħsieb li teliminahom kompletament. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 dwar pollutanti organiċi persistenti kien ikopri l-PCBs.

Id-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (1999/31/KE) kienet maħsuba biex timpedixxi jew tnaqqas l-effetti negattivi tal-landfills fuq l-ambjent — b'mod partikolari fuq l-ilma tal-wiċċ, l-ilma ta' taħt l-art, il-ħamrija u l-arja – kif ukoll fuq is-saħħa tal-bniedem. L-implimentazzjoni ma kinitx sodisfaċenti, billi mhux id-dispożizzjonijiet kollha ġew trasposti fl-Istati Membri kollha u għadhom jeżistu għadd kbir ta' landfills illegali.

Id-Direttiva 2000/76/KE dwar l-inċinerazzjoni tal-iskart kellha l-għan li timpedixxi jew tnaqqas, kemm jista' jkun, it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija kkawżat mill-inċinerazzjoni jew mill-koinċinerazzjoni tal-iskart. F'Novembru 2010, din tħassret u ġiet sostitwita mid-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali u minn direttivi relatati.

**E.** Il-pakkett il-ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari

F'Diċembru 2015, il-Kummissjoni ppreżentat pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari, kif ukoll erba' proposti leġiżlattivi li jemendaw l-atti legali li ġejjin: (a) id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart; (b) id-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma; (c) id-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ; u (d) id-Direttiva dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw, id-Direttiva dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, kif ukoll id-Direttiva dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE). Uħud minn dawn il-proposti oriġinaw mill-obbligi legali li jiġu riveduti l-miri tal-immaniġġjar tal-iskart. Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart kienet tobbliga lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri li ġejjin sal-aħħar tal-2014: tirrevedi l-miri tal-2020 dwar l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' skart domestiku u dwar l-iskart tal-kostruzzjoni u tat-twaqqigħ tal-bini, tiffissa miri għall-prevenzjoni tal-iskart għall-2020, u tevalwa għadd ta' miżuri, fosthom skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet obbligata tirrevedi l-miri tad-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma sa Lulju 2014 u dawk tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ qabel tmiem l-2012.

Adottati f'Mejju 2018 wara negozjati interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-Kunsill, l-erba' direttivi ((UE) 2018/849, (UE) 2018/850, (UE) 2018/851 u (UE) 2018/852) jinkorporaw l-elementi prinċipali li ġejjin:

— mira komuni biex l-UE tirriċikla 65% tal-iskart muniċipali sal-2035 (55% sal-2025 u 60% sal-2030);

— mira komuni biex UE tirriċikla 70% tal-iskart tal-imballaġġ sal-2030;

— mira vinkolanti fuq il-landfills sabiex ir-rimi jitnaqqas għal mhux aktar minn 10% tal-iskart muniċipali sal-2035;

— projbizzjoni fuq ir-rimi ta' skart miġbur separatament f'landfill, li jirrikjedi ġbir separat għall-iskart bijoloġiku sal-2023 u għat-tessuti u l-iskart perikoluż mid-djar sal-2025;

— il-promozzjoni ta' strumenti ekonomiċi li jiskuraġġixxu r-rimi fil-landfills;

— simplifikazzjoni u titjib fid-definizzjonijiet u metodi armonizzati ta' kalkolu tar-rati ta' riċiklaġġ madwar l-UE;

— miżuri konkreti li jippromwovu r-riutilizzazzjoni u jistimulaw is-simbjożi industrijali – bit-trasformazzjoni ta' prodott sekondarju ta' industrija f'materja prima ta' industrija oħra;

— skemi obbligatorji ta' responsabbiltà estiża tal-produttur sabiex il-produtturi jqiegħdu prodotti aktar ekoloġiċi fis-suq u jappoġġjaw skemi ta' rkupru u ta' riċiklaġġ (pereżempju għall-imballaġġ, il-batteriji, it-tagħmir elettriku u elettroniku, u l-vetturi li m'għadhomx jintużaw (ELVs)).

**F.** Il-plastik fl-ekonomija ċirkolari

Fis-16 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni li fiha stabbiliet l-istrateġija għall-plastik f'ekonomija ċirkolari. L-istrateġija tidentifika l-isfidi ewlenin, inklużi r-rati baxxi ta' riutilizzazzjoni u riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati mal-produzzjoni u l-inċinerazzjoni tal-plastik, u l-preżenza ta' skart tal-plastik fl-oċeani. Il-Kummissjoni qed tipproponi li, sal-2030, l-imballaġġ tal-plastik kollu għandu jkun magħmul b'tali mod li jkun riċiklabbli jew riutilizzabbli. Bil-ħsieb li jsir progress lejn din il-mira, l-istrateġija tippreżenta firxa wiesgħa ta' miżuri li jiffukaw fuq erba' oqsma: (1) jitjieb ir-riċiklaġġ tal-plastik mil-lat ta' ekonomija u kwalità; (2) jitrażżan ir-rimi tal-iskart tal-plastik; (3) tingħata spinta lill-investiment u l-innovazzjoni fil-katina tal-valur tal-plastik; u (4) tiġi sfruttata l-azzjoni fil-livell internazzjonali.

Bħala parti mill-Istrateġija dwar il-Plastik biex jiġi indirizzat l-iskart ħali u dannuż tal-plastik permezz ta' azzjoni leġiżlattiva u wara proposta mressqa mill-Kummissjoni fit-28 ta' Mejju 2018, fid-19 ta' Diċembru 2018 il-Kunsill u l-Parlament laħqu ftehim proviżorju biex jitnaqqas it-tniġġis tal-plastik billi stabbilew restrizzjonijiet ġodda u ħorox fuq ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Il-prodotti li se jiġu pprojbiti fl-UE jinkludu pożati tal-plastik (frieket, skieken, mgħaref u chopsticks), platti u straws tal-plastik, kontenituri tal-ikel u x-xorb magħmula mill-jablo u cotton buds tal-plastik. Mill-2025 'il quddiem, l-Istati Membri se jkollhom il-mira vinkolanti li l-fliexken tax-xorb PET kollha jkun fihom minimu ta' 25% plastik riċiklat. Sal-2030, il-fliexken tal-plastik kollha jrid ikun fihom minimu ta' 30% materjal riċiklat.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament appella ripetutament għal aġenda ġdida għat-tkabbir Ewropew li fil-qofol tagħha jkollha l-użu effiċjenti tar-riżorsi. Dan jirrikjedi bidliet radikali fil-mod kif nipproduċu u nikkunsmaw. Il-filosofija taċ-ċiklu tal-ħajja totali għandha ttejjeb l-użu tal-

materjali sekondarji u toħloq l-inċentivi ekonomiċi adegwati biex l-iskart jiġi evitat u riutilizzat.

Bħala koleġiżlatur, il-Parlament iddiskuta l-pakkett dwar l-Ekonomija Ċirkolari fil-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) u ressaq 2 000 emenda. Fl-24 ta' Jannar 2017 il-Kumitat ENVI adotta l-pożizzjoni tal-Parlament, li mbagħad ġiet adottata b'maġġoranza kbira fil-plenarja, mingħajr bidliet sostanzjali, fl-14 ta' Marzu 2017. Wara negozjati interistituzzjonali, fit-18 ta' Diċembru 2017 il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim proviżorju dwar l-erba' proposti leġiżlattivi kollha. It-testi maqbula ġew adottati mill-Parlament fis-sessjoni plenarja ta' April 2018.

Matul is-sessjoni plenarja ta' Settembru 2018, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-istrateġija tal-Kummissjoni għall-plastik f'ekonomija ċirkolari ta' Jannar 2018. Fost affarijiet oħra, ir-riżoluzzjoni tħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra l-possibbiltà li tintroduċi obbligi dwar kontenut riċiklat minimu għal ċerti prodotti tal-plastik introdotti fis-suq tal-UE. Ir-riżoluzzjoni tappella biex jinħoloq suq uniku ġenwin għall-plastik riċiklat, tipproponi miżuri għall-ġlieda kontra l-iskart fil-baħar u titlob projbizzjoni fuq il-mikroplastik fil-kożmetiċi u l-prodotti tat-tindif qabel l-2020.

Georgios Amanatidis
04/2019